# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 168/2020 JVC**

**Saviour Micallef (ID 333765M) u Antoinette Micallef (ID 451567M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u Bank of Valletta plc ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Saviour u Antoinette Micallef premerrew u talbu kif isegwi:

1. 'Illi din it-talba hija biex jintalab rimedju kostituzzjoni a bazi ta' l-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem (Il-Konvenzjoni), l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (l-Kostituzzjoni) u l-art 8 tal-Konvenzjoni u 38 tal-Kostituzzjoni;

2. Illi n-narrativa ta' fatti fil-qosor hija illi l-esponent Saviour Micallef kien u ghadu ghaddej proceduri kriminali ma' l-ohrajn dwar allegazzjonijiet konnessi ta' Value Added Tax. Dawn il-proceduri ilhom pendenti fuq hdax il-sena. Il-proceduri ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni ta' provi, u sa lum ghad ma hemmx data ghas-seduta li jmiss. In oltre, l-esponent Saviour Micallef ghadu ma xehedx u ma tressqet minnu ebda evidenza. Simultaneament, l-Avukat Generali hareg "*freezing order*" taht l-Att kontra *Money Laundering*, Kap 373; minhabba din l-ordni ta' iffrizar ta' l-assi inkluzi l-kontijiet bankarji, l-esponent sab ruhu f'diffikultajiet fin-negozju tieghu, ghaliex gie totalment impedut milli jopera b'mod regolari, u b'mod illi waqa' fl-arretrati fil-facilitatjiet bankarji mal-intimat Bank of Valletta plc; din gabet il-bejgh *sub hasta* tal-fond residenzjali tar-rikorrenti fejn il-Bank akkwista l-fond animo compensandi, u issa qed jitlob l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond a bazi tad-dritt ta' zgumbrament naxxenti ta' l-okkupant naxxenti minn akkwist fis-subbasta;

3. Illi l-esponent ipprovaw jimpunjaw l-izgumbrament ghaliex ikkontendew illi dan id-dritt ta' zgumbrament skaturixxa minn emenda introdotta bl-art 21 ta' l-Att VII ta l-2007 fein estenda iz-zmien li titolu ezekuttiv huwa enforzabbli minghajr il-htiega ta' awtorizzazzjoni sa ghaxar snin mid-data tas-sentenza jew digriet ta' Qorti Superjuri; b) it-tieni hija illi ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data tal-hrug tal-Mandat orignali u allura ma jibqax fis-sehh il-mandat ezekuttiv originali u se mai irid isir mandat ex novo; c) anke jekk, ghall-grazzja tal-argument illi jitqies illi zgumbrament jinkwadra ruhu fit-termini ta' l-artikolu 258 (a) tal-Kap 12, li trid tintalab awtorizzazzjoni ghal esekuzzjoni sentenza jew digriet wara 15 il-sena, kienet emenda introdotta permezz ta' l-art 21 ta' l-Att VII tal-2007, qabel din l-emenda, l-awtorizzjoni riedet tintalab wara hames snin. Jigifieri l-esponent kellu dritt akkwizit jew kwizit illi trid terga' tintalab l-awtorizzjoni tieghu; dan id-digriet gie michud u gie intavolat Appell kontra tieghu;

4. Illi l-esponenti diga' ipprovaw inutilment illi jagixu fuq din is-sitwazzjoni, fejn intavola proceduri kostituzzjonali, kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Gunju 2019 esebita, Dok A; din is-sentenza irriteniet illi l-presunzjoni ta' l-innocenza ma gietx vjolata u li l-art 6 u l-art 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ma kenux gew vjolati, izda halliet espressament

miftuha l-kwistjoni dwar id-dewmien fil-proceduri bhala vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

5. Illi l-esponent qed jipproponu issa talba ghal ilment fuq (i) dewmien fil-process kriminali kontra tieghu u (i) dewmien konsegwenti fil-freezing order (ii) konsegwenti nuqqas ta' smigh xieraq u (iv) konsegwenti vjolazzjoni tal-protezzjoni ghall-intimita' tad-dar;

6. Illi ghandu jkun car illi l-effett tad-dewmin imur ferm oltre l-iskomdu, tensjoni u incertezza tad-dewmien fil-process ta' l-akkuzi penali. Dawn incidew fuq il-hajja tal-persuna u l-proprieta' tieghu: fuq il-hajja tal-persuna ghad-dritt tat-tgawdija tal-hajja personali u familjari provdut fl-art 8 tal-Konvenzjoni, u d-dritt tat-tgwadija pacifika tal-beni hija kif konsegwenza tal-*freezing order* u d-dewmien taghha. Huwa necessarju li jkun car ukoll li l-proceduri kriminali ilhom pendent hdax il-sena, allura l-esponenti ghandu aspettativa legittima li jkun jaf fejn qieghed u l-*freezing order* ghadu hemm. Dan kollu gab tensjoni kbira fil-familha u nuqqas ta' protezzjoni ghall-intimita' tad-dar;

7. Illi inoltre l-esponent kellu fl-2010 dritt kwizit biex wara hames snin tintalab esekuzzjoni ta' sentenza, liema dritt kien vigenti fil-hrug ta' mandat ta' zgumbrament impunjat u li bl-emenda tilef dritt akkwizit;

8. Illi l-esponenti kellu inevitabilment jinvolvi lil Bank of Valletta plc: wiehed jifhem illi l-Bank kellu jfittex l-interessi legittimi tieghu. Il-bank kien pero' partecipi f'din l-istorja ghaliex minflok stenna li l-proceduri kriminali jintemmu, kompla jezercita pressjoni fuq l-esponenti. L-agir tal-Bank mar oltre esercizzju legittimu fil-misura u qies proprji, izda ghazel li jinvolvi ruhu direttament.

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt illi jaghmlu referenza ghas-suespost, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghogbha:

l. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq esposti saret u ssib vjolazzjoni ta' a bazi ta' l-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem (Il-Konvenzjoni), l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Il-Kostituzzjoni) u l-art 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-art 37 tal-Kostituzzjoni u l-art 8 tal-Konveznjoni u 38 tal-Kostituzzjoni;

2. Taghti kull rimedju u direttiva opportuna.

Ir-rimedju illi qed jitlobu l-esponenti huwa:

l. Kumpens finanzjarju; u

2. Ordni illi jieqfu kull proceduri ta' zgumbrament sakemm jintemmu l-proceduri kriminali fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.'

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Bank of Valletta plc li taqra kif isegwi:

1. 'Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti huma illum il-gurnata diga res judicata u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinqdew b'dawn il-proceduri biex jipprovaw jergghu jittrattaw materji li gew gia' finalment decizi mill-Qrati taghna;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kif jirrizulta mit-timeline hawn taht elenkat u minn dak li ser jirriżulta matul it-trattazzjoni tar-rikors odjern, il-mira veru tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri hija li jintlaqa' it-tieni hekk imsejjah rimedju mitlub mir-rikorrenti u cioe' li tigi b'xi mod stultifikata l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament eżekutiv 549/2010 fuq il-proprjetajiet illi r-rikorrenti qed jiddetjenu illegalment u abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi ghal iktar minn ghaxar snin u dan a detriment tad-drittijiet tas-socjeta' esponenti konfermati gia' bosta drabi mill-Qrati nostrani bis-sentenzi citati f'din ir-Risposta;

3. Illi, f'dan l-istadju, l-esponenti tibda din ir-Risposta billi taghti "timeline" tal-fatti ta' kif graw matul is-snin, peress li dan it-timeline huwa assjomatiku sabiex iipprovdi kuntest gust ghall-kawza odjerna u ghall-eccezzjonijiet li ser jigu elenkati sussegwentment:

(a) Wara snin twal ta' nuqqas ta' pagamenti, fis-sena 2006, ir-rikorrenti proprio et nomine kkostitwew lilhom nfushom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta esponenti Bank of Valletta p.l.c. permezz ta' tlett kuntratti separati kollha datati l-1 ta' Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Michel Dingli [Dok A1, A2 u A3 annessi];

l

(b) Ili sentejn wara u cioe' fl-2008, ir-rikorrenti kienu ghadhom ma hallsux id-dejn li kellhom mas-socjeta' esponenti u ghalhekk, fit-23 ta' April, 2008, is-socjeta' esponenti preżentat Ittra Ufficjali numru 1151/2008 [vide Dok B], debitament notifikata lir-rikorrenti u lill-kumpanija The VEG Point Limited, li biha infurmathom li, a causa tal-inadempjenza taghhom, is-socjeta esponenti kienet ser tipprocedi kontra taghhom skont il-ligi; Dan jirriżulta mill-atti tas-subbasta numru 82/2009;

(c) Illi fid-9 ta' Settembru, 2009 gie dekretat l-ordni tal-iffriżar fuq ir-rikorrent Saviour Micallef li nhareg fit-22 ta' Settembru, 2009 [Dok C];

(d) Illi fit-18 ta' Novembru 2009, b'Ittra Ufficjali numru 4143/2009, is-socjeta esponenti nfurmat lir-rikorrenti illi hija kienet ser tipprocedi bil-mezz tas-subbasta sabiex tibda' tithallas somom ta' flus minn dawk dovuti lill-esponenti, mir-rikorrenti [Dok D];

(e) Illi fis-26 ta' Novembru, 2009, is-socjeta' esponenti preżentat rikors ghas-subbasta sabiex tinbiegh il-proprjeta' numru tnejn u erbghin [42], bl-isem 'San Nikola di Bari', Triq id-Difa, Siggiewi flimkien mal-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi, kontrada "Ta' Haxluq" jew "Ta' Xurraf" [Dok E];

(f) Illi fil-25 ta' Frar, 2010, ir-rikorrenti preżentaw nota, fl-atti tal-bejgh bl-irkant, li biha infurmaw lill-Qorti bl-ordni tal-iffriżar fuq ir-rikorrent Saviour Micallef [Dok F};

(g) Fit-23 ta' Marzu, 2010 sehh il-bejgh bl-irkant numru 82/2009 fejn is-socjeta esponenti, gialadarba ma kienx hemm offerti li jistghu joffru prezz oghla, kellha takkwista il-fondi meritu ta' din is-subbasta anke biex jinqata parti mill-bilanc dovuti mir-rikorrenti lill-esponenti [Dok G];

(h) Fis-7 ta' April, 2010 is-socjeta' esponenti preżentat Mandat ta' Zgumbrament 549/2010 sabiex ir-rikorrenti jizgombraw mill-proprjetajiet liberati bil-bejgh bl-irkant tat:-23 ta' Marzu, 2010 [vide kopja tal-process Dok H];

(i) Fil-15 ta April, 2010, ir-rikorrenti preżentaw rikors guramentat 370/2010 RCP quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex jattakkaw il-bejgh bl-irkant numru 82/2009; it-talba taghhom giet michuda u wara appell taghhom, l-appell gie michud ukoll [Dok I};

(j) Ukoll fil-15 ta' April 2010 ir-rikorrenti ppreżentaw Rikors Guramentat iehor 372/2010 CFS biex il-Qorti tordna r-revoka tal-Mandat ta' Zgumbrament 549/2010. L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Cvili cahdet it-talba tar-rikorrenti permezz ta' sentenza datata 21 ta' Gunju 2010 [Dok J];

(k) Sussegwentement ir-rikorrenti Micallef intavolaw kawża Kostituzzjonali [Rikors numru 66/2015 SM] u b'sentenza moghtija fl-14 ta' Marzu 2018 Din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha, diversament presjeduta, cahdet it-talbiet kollha taghhom. Naturalment ir-Rikorrenti appellaw u b'sentenza moghtija mill-Qorti

Kostituzzjonali fit-28 ta' Gunju 2019 Dik l-Onorabbli Qorti Cahdet l-Appell intavolat mir-rikorrenti;

(l) Illi fil-frattemp waqt li kienu ghaddejin dawn il-proceduri tajjeb li jinghad li l-att tal-Mandat ta' Zgumbrament 549/2010 "misterjozament" intilef u ma setghax jinstab fir-Registru tal-Qorti u kellujigi rikostruwit. Hekk kif gie michud l-appell kostituzzjonali u saret ir-rikostruzzjoni sabiex il-Mandat ikun jista' jigi ezegwit, disa' snin wara li gie milqugh mill-Qorti, l-esponenti ghaddiet biex terga tipprova tezegwixxi l-istess Mandat ta' Zgumbrament;

(m) Illi meta l-Marixxal mar biex jeżegwixxi l-istess Mandat, eżattament fil-31 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti ma hallewx lill-Marixxal jeżegwixxi l-istess Mandat, u dan bi ksur lampanti tal-Ordni moghti mill-Onorabbli Qorti, peress li stqarrew illi ser jippreżentaw proceduri legali ohra [Dok K];

(n) Illi di fatti, ir-rikorrenti preżentaw proceduri legali ohrajn fl-atti tal-istess Mandat u cioe' ir-Rikors Guramentat numru 997/2019 MCH sabiex jattakkaw l-Mandat ta' Zgumbrament a bazi ta' liberazzjoni b'Subbasta numru 82/2009, liema liberazzjoni sehhet fit-23 ta' Marzu 2010 kif imsemmi iktar 'il fuq;

(o) Illi permezz ta' Digriet tad-29 ta' Ottubru, 2019, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta, cahdet it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Zgumbrament [Rikors Guramentat 997/2019 MCH hawn fuq imsemmi u Sussegwentement ir-rikorrenti appellaw minn dan id-Digriet. Permezz ta' Sentenza datata 18 ta' Frar, 2020 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat id-Digriet moghti mill-Qorti ta' Prim' Istanza u ghalhekk Cahdet it-talba ghar-revoka tal-Mandat 549/2010 [vide Dok L]

(p) Illi sussegwentement ghal din is-sentenza is-socjeta esponenti ghaddiet biex terga tipprova teżegwixxi l-istess Mandat ta' Zgumbrament. Meta l-Marixxal mar biex jeżegwixxi l-istess Mandat, ezattament fil-25 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti ma hallewx lill-Marixxal jeżegwixxi l-istess Mandat, u dan bi ksur lampanti tal-Ordni moghti mill-Onorabbli Qorti, peress li stqarrew illli ser jippreżentaw proceduri legali ohra [Dok M]

(q) Illi dan l-agir tar-rikorrenti I tal-Marixxal li ma ezegwiex il-Mandat kif Ordnat jaghmel mill-Qrati, gie mcanfar mill-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet in camera datat 11 ta' Awissu 2020, fl-atti tal-istess Mandat, fejn l-Onorabbli Qorti, ghal darb'ohra, regghet ordnat l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta’ Zgumbrament 549/2010, u ddikjarat illi jekk ikun hemm il-

bżonn, tali ezekuzzjoni ssir bl-iżgass u bl-ghajnuna tal-Pulizija [Dok N];

(r) Illi fl-24 ta' Awissu, 2020, ir-rikorrenti preżentaw rikors fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament illi fejn fil-waqt li qalu li qed jipprezentaw r-Rikors odjern ma' dan ir-rikors, ir-rikorrenti talbu mill-gdid illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta tissospendi - eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament 549/2010 u konsegwentement Dik l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' dak ir-rikors peress illi, se mai, hija Din l-Onorabbli Qorti illi tista' taghti tali ordni u ghalhekk it-talba kellha ssir quddiem Din l-Onorabbli Qorti, kif Preseduta. Illi, kif precedentement imsemmi, fl-istess data r-rikorrenti intavolaw ir-Rikors Odjern, li fih mhux talli qed jilmentaw ghal dewmien ikkawżat minnhom stess, ghall-inqas mill-perspettiva civili li fl-ahhar mill-ahhar tikkoncerna lis-socjeta' esponenti, iżda wkoll ir-rikorrenti jaghtu verżjoni ineżatta u konfuża tal-fatti kif graw matul is-snin [Dok O];

(s) Illi finalment sabiex ma tinghatax l-impressjoni li s-socjeta esponenti ghamlet xi gwadann indebitu minn fuq ir-rikorrenti, tajjeb li jinghad li anke wara li gie pacut il-prezz offert ghall-immobbili liberat favur il-Bank, jigi hawnhekk sottomess illi l-Bank sal-lum ghadu kreditur tar-rikorrenti

fis-somma li ta erba mitt elef Ewro [€ 400,000.00] ohra kemm bhala garanti tas-socjeta the Veg Point Limited u kemm f'isimhom personali (Dok P1 u P2 )- minghand ir-rikorrenti minbarra kreidtur ghad-danni li ilu u ghadu jsofri l-Bank, li mis-sena 2010 meta xtara 1-fondi u ghadu sal-lum ma ghandux il-pussess tal-istess immobbili .Ma hemmx ghalfejn jinghad li, peress li r-rikorrenti ma hallew l-ebda attiv iehor f'isimhom fuq x'hiex jezegwixxi it-titolu tieghu il-Bank, ser ikun difficili ferm li l-Bank jithallas din is-somma bilancjali.

4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' esponenti umilment tissottometti illi ghandha ssir distinzjoni netta bejn (i) il-proceduri civili li s-socjeta esponenti intavolat kontra ir-rikorrenti u kontra l-kumpanija taghhom The Veg Point Limited u (ii) il-proceduri kriminali intavolati mill-awtoritaijiet relevanti kontra r-rikorrent Saviour Micallef; Jekk il-proceduri Kriminali twalu iz-zejjed u in ottima ipotesi Din l-Onorabbli Qorti tissindaka dan u tiddeciedi skont ma jirrizultalha, xorata wahda, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti ma dan ghandu jinfluwixxi fuq il-proceduri civili tal-esponenti gialadarba il-morozita tar-rikkorrenti bdiet SNIN TWAL qabel il-hrug tal-freezing order tant li l-istess Rikorrenti qablu li fis-sena 2006 - u cioe Tliet snin Qabel il-hrug tal-Freezing Order, jaddivjenu minn jeddhom ghall-kostituzzjoni ta debitu.

5. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ma hemm ebda ksur tad-drittijiet kostituzzjonali invokati mir-rikorrenti, partikolarment izda mhux esklussivament peress illi l-proceduri legali intavolati mis-socjeta' esponenti kontra r-rikorrenti, jippredataw il-proceduri Kriminali inizjali kontra r-rikorrent Saviour Micallef u l-istess Subbasta u susegwenti liberazzjoni tal-proprjeta mertu tas-Subbasta hija relatata mad-dejn li huma flimkien mal-Kumpanija The VEG Point akkumulaw matul snin, ferm qabel is-sena 2009 u ghalhekk tali proceduri u l-Mandat ta' Zgumbrament relattiv huma totalment estranei ghal kwalunkwe procedura Kriminali, inkluż 1-Ordni tal-Iffriżar, li nbdiet u ghad hemm pendent kontra r-rikorrent Saviour Micallef;

6. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-proceduri Kriminali kontra Saviour Micallef huma res inter alios acta fil-konfront tas-socjeta' esponenti Bank of Valletta p.l.c. u ghalhekk kwalunkwe dewmien li qed jillanjaw r-rikorrenti dwar dawk il-proceduri ma jikkoncerna bl-ebda mod lis-socjeta' esponenti;

7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' esponenti umilment tissottometti illi kwalunkwe dewmien fil-proceduri civili inizjati mis-socjeta' esponenti huwa solament a causa tal-agir abbuziv tar-rikorrenti illi ilhom il fuq minn ghaxar snin jirrezistu l-izgumbrament mill-proprjetajiet liberati favur is-

socjeta' esponenti u jintavolaw proceduri fierghau vessatorji sabiex jtawwlu u jwaqgfu l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament 549/2010 u dan a detriment pjuttost tad-drittijiet tas-socjeta esponenti u mhux dawk tar-rikorrenti; Sitwazzjoni din ferma komda ghar-rikorrenti meta jafu li l-espoenenti ma ghandha l-ebda attiv - tal-anqas fisimhom - fuq x'hiex tista tezegwixxi kawza ghad-danni sofferti mill-esponenti u ghalhek jistghu jibqghu jaghmlu proceduri bhal dik odjerna kemm iridu impunement- - deijem sakemm ma jkunx hemm I-Id tal-Qorti li, minghajr ebda rizerva ohra, Tordna lir-Registratur tal-Qrati taht piena ta disprezz, li l-Marixxalli tieghu iridu jobdu l-Ordni taghha u jezegwixxu darba ghal dejjem il-Mandat ta' Zgumbrament.

8. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ir-rikorrenti Antoinette Micallef ma tistax tilmenta illi nkisru d-drittijiet kostituzzjonali taghha ghar-ragunijiet imsemmija fir-Rikors Promotur stante illi hija ma hija milquta minn ebda procedura kriminali jew freezing order u ghalhekk, bir-ragunament tar-rikorrenti stess, hija kellha tkun f'posizzjoni illi tissalda d-djun taghha mas-socjeta' esponenti; Dan jindika ukoll bic-car kemm il-proceduri odjerni huma mill-aktar frivoli u vessatorji sa tali punt li huma razenti id-disprezz lejn l-Awtorita ta' Din l-Onorabbli Qorti.

9. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti li qed jinkisru d-drittijiet taghhom taht l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-esponenti tissottometti illi din, apparti l-fatt li wahda mill-proprjetajiet hija ghalqa inabitata u ghalhekk ma taqax taht il-kappa tal-Artikolu hawn imsemmija, il-proprjetajiet mertu tal-Mandat ta' Zgumbrament de quo ilhom issa proprieta' tas-societa' esponenti ghal ‘il fuq minn ghaxar snin u ghalhekk partikolarment izda mhux esklussivament ghal din ir-raguni ir-rikorrenti ma jistghux iressqu lanjanza kostituzzjonali ta’ menomazzjoni tal-privazija dwar proprjetajiet li mhumiex taghhom;

10. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' esponenti umilment tissottometti illi kwalunkwe kumpens li qed jippretendu li huma intitolati ghalih ir-rikorrenti, certament mhuwiex dovut mis-socjeta esponenti li ghadha sa llum kreditrici tar-rikorrenti u ilha snin issofri danni ingenti kkawżati mill-agir flagrantement illegali u abbuziv tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra taghhom, salv kull provvediemnt iehor li Din l-Onorabbli Qorti joghgobHa, jekk

Hekk jidhrilha, Taghti biex tindirizza l-abbuz flagranti tal-proceduri gudizzjarji'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi qabel xejn, l-ilmenti tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistghux jigu mistharrga mill-gdid, ghaliex dwarhom ga nghatat sentenza bejn l-istess partijiet mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Gunju 2019, kopja ta liema giet ippreżentata mar-rikors kostituzzjonali stess;

2. Illi bla hsara ghal dan, dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponent ma jaqbilx li hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta Malta minhabba dewmien mhux ragonevoli fil-process kriminali. Dan qed jinghad ghaliex meta wiehed iqis kollox wiehed ma jistax jasal ghall-konklużjoni li l-proceduri kriminali qeghdin idumu b'mod irragonevoli jew aktar milli jmisshom;

3. Illi hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li irragonevolezza taż-żmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja -kawża, imma ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Huwa miżmum ukoll li ma hemm l-ebda time limit li l-Qorti trid

bilfors tosserva fil-kors tal-procedura quddiemha ghax inkella - interessi tal-gustizzja jigu ppregudikati minhabba ghaggla zejda;

4. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju t-talba tar-rikorrenti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jrid jigi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wiehed kappriccjuż u mahsub biss biex jiżvantaggah fit-tgawdija tad-drittjiet tieghu skont il-ligi. Sewwasew fil-każ tallum l-esponent jichad li l-prosekuzzjoni u/jew l-Avukat Generali qeghdin jitnikkru fit-tlugh tal-provi. Anzi l-prosekuzzjoni qieghda titmexxa b'mod responsabbli;

5. Illi, sa fejn l-ilment tar-rikorrent huwa indirizzat kontra l-ordni ta' frizar, tajjeb li jinghad li jekk iridu r-rikorrenti jistghu jitolbu lill-qorti kompetenti li qed tmexxi l-każ kriminali sabiex tibdel l-ordni ta' ffrizar ta' gidhom skont artikolu 5(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk huma jidhrilhom li din l-ordni mhijiex gustifikata li tibqa' kif inhi;

6. Illi minbarra dan ghalkemm l-esponent jista' jifhem li l-ordni ta' ffriżar qieghda tfixkel lir-rikorrenti milli jgawdu hwejjighom kif iridu, madankollu l-istess esponent ma jistax jaqbel mar-rikorrenti li tali ordni nharget u nzammet fis-sehh bi ksur tal-jeddijiet tal-proprjetà taghhom kif imharsa bl-artikoli 37u 38 tal-Kostituzzjoni

ta' Malta, l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Tassew l-ordni ta' frizar: (i) inharget fuq bażi legali skont artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) hija fl-interess pubbliku ghaliex hija mizura konservattiva fil-glieda kontra d-delinkwenza: u (iii) hija proporzjonata ghaliex il-ligi fil-proviso tal-artikolu 5(1) u fl-artikolu 5(3) tipprovdi mekkaniżmu xieraq u bilancjat bejn l-interess pubbliku u l-interess tal-akkużat sabiex tnaqqas l-effetti tal-ordni ta' friżar halli b'hekk din ma tohloqx hsara u tbatija żejda fuq l-akkużat. Dan kollu ga gie mfisser fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Gunju 2019 u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jergghu jressqu dan l-ilment mill-gdid;

7. Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot il-bejgh bl-irkant bil-Qorti tad-dar residenzjali taghhom, dan ukoll mhuwiex misthoqq. Dan ghaliex kif tajjeb gie mtenni mill-Qorti Kostituzzjonali f'paragrafu 12 tas-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2019, l-ordni tal-iffriżar ma kinitx il-kawża li wasslet lir-rikorrenti biex ma jhallsux id-dejn li kellhom mal-Bank of Valletta plc. Fis-sewwa r-rikorrenti kellhom dejn mal-bank li kien cert, likwidu u dovut, li kien ilu jeżisti madwar tlitt snin qabel ma' nharget l-ordni tal-iffrizżar. Il-proceduri kriminali li hemm ghaddeja kontra r-rikorrent Saviour Micallef u l-ordni ta' friżar li hemm mahrug kontrih m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-bejgh bl-irkant gudizzjarju miżmum fit-23 ta' Marzu, 2010;

8. Illi anke kieku stess, il-ligi skont il-proviso (a) tal-artikolu 5(1) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta tawtorizza lill-akkużat ihallas djun lill-kredituri ta' rieda tajba li jkunu saru qabel ma tkun inharget |-ordni ta' ffriżar. Jigifieri f'dan il-każ, l-ordni ta' ffriżar ma kinitx ixxekkel lil Saviour Micallef milli jikseb l-awtrorizzazzjoni skont il-ligi biex ihallas djunu lill-bank. Madankollu l-verità hi li l-bank mexxa bl-irkant gudizzjarju ghaliex ir-rikorrenti baqghu ma hallsux id-dejn taghhom u mhux ghaliex inhareg l-ordni tal-iffriżar jew ghaliex inbdew proceduri kriminali kontra Saviour Micallef. L-ilmenti ghalhekk tar-rikorrenti li d-dewmien fil-proceduri kriminali u l-ordni ta' ffriżar waslu biex inbieghet id-dar taghhom b'irkant gudizzjarju huwa hazin u mhux misthoqq;

9. Illi minbarra dan, il-fatt li l-irkant gudizzjarju kien validu skont il-ligi gie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Saviour Micallef et vs. Bank of Valletta p.l.c deciża fid-29 ta' Mejju 2015 (ara Dok. AG1) u l-fatt li l-mandat eżekuttiv ta' zgumbrament mill-Bank huwa tajjeb gie mtenni wkoll mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni Bank of Valletta p.l.c. vs. Saviour Micallef et moghtija fit-18 ta' Frar 2020 (ara Dok. AG2);

10. Illi b' zieda ma' dan, ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw -artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex iwaqqghu l-irkant

gudizzjarju ghaliex skont l-artikolu 37(2)() u (h) tal-Kostituzzjoni, ebda haga f'dan l-artikolu m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, li ssehh fil-kuntest ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt u/jew ordni tal-Qorti;

11. Illi f'dan il-kwadru wkoll persuna ma tistax titlob harsien tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq gid li dik il-persuna ma jkollhiex aktar jedd fuqu. Hawnhekk wiehed ma jridx iwarrab minn quddiem ghajnejh li l-artikolu 8 mhuwiex jedd assolut iżda huwa jedd soggett ghall-eccezzjoni msemmija fl-artikolu 8(2) li jaghti d-dritt lill-Qorti bhala awtorità pubblika li tindahal f'dak il-jedd sabiex tipprotegi d-drittijiet u l-ibertajiet ta' haddiehor. Wara kollox mhumiex ir-rikorrenti biss li ghandhom drittijiet iżda anke l-Bank of Valletta p.l.c. Tassew il-bank ghandu jedd li jigbor flusu li ma gewx imhallsa lilu mir-rikorrenti;

12. Illi sallum ir-rikorrenti mhumiex sidien tad-dar in kwistjoni ghaliex din giet miksuba mill-Bank of Valletta p.l.c. wara li sehh irkant bil-Qorti. Ghalhekk sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li tghid mod iehor, ir-rikorrenti ma jistghux jghidu li huma sidien ta' din id-dar,

13. Illi bl-istess mod l-ilment tar-rikorrenti kif imsejjes fuq l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa' ghaliex skont l-

artikolu 38(2)(d) tal-Kostituzzjoni, dan l-artikolu ma jistax jitqanqal f'każ li d-dhul f'xi post isir ghall-fini ta' eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti, bhalma ghandna dan il-kaz;

14. Illi lanqas ma jista' jinghad li sehh ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea la darba r-rikorrenti tilfu gidhom ghar-raguni biss biex dan jaghmel tajjeb ghad-dejn li kellhom mal-Bank of Valletta p.l.c, f'kuntest ta' proceduri li nzammu taht l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

15. Illi fl-ahharnett, l-argument tar-rikorrenti f'paragrafi 3 u 7 tar-rikors kostituzzjonali taghhom, kontra l-emendi li ghaddew fl-artikolu 258(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Att VII tal-2007 ma jinftiehem xejn. Dan ghaliex ma jidhirx x'differenza kienet ha taghmel fis-sitwazzjoni, ladarba r-rikorrenti baqghu ma hallsux dak li kellhom ihallsu lill-bank;

16. Illi kollox ma' kollox ghalhekk ir-rikorrenti mhumiex siewja meta jghidu li huma batew ksur tal-jedd taghhom ghall-intimità u t-tgawdija ta' darhom, bi ksur tal-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni, tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 1 tal-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea. Jekk sar il-bejgh bl-irkant gudizzjarju fit-23 ta' Marzu 2010, dan sar minhabba li r-rikorrenti ma hallsux djunhom lill-bank u mhux ghaliex inbdew proceduri kriminali jew ghaliex kien hemm xi ndhil mill-Gvern;

L-ewwel talba ghalhekk ghandha tigi michuda kollha kemm hi;

17. Illi t-tieni talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Darba li fil-fehma tal-esponent l-ewwel talba ma tistax tintlaqa', ghandha taqa' wkoll it-tieni talba;

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li huma ma batew l-ebda ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali/konvenzjonali taghhom, bl-ispejjeż jithallsu mill-istess rikorrenti.'

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Settembru, 2020 din il-Qorti, fuq talba tar-rikorrenti, awtorizzat il-korrezzjoni fl-indikazzjoni tal-intimat Avukat Generali ghal dik tal-Avukat tal-Istat.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru, 2020 li permezz tieghu din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess cahdet it-talba ghal 'interim measure' u cioe' t-talba tar-rikorrenti sabiex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament bin-numru 549/10.

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Mejju 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qed jallegaw ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem), l-jedd ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens taht l-artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-istess Konvenjoni u l-jedd ghall-intimata' tad-dar u proprjeta' ohra fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan qed jigi allegat konsegwenza ta' ordni ta' ffrizar li nharget fil-konfront tar-rikorrent Saviour Micallef wara li tressaq akkuzat lura fis-sena 2009 u wkoll konsegwenza ta' allegat dewmien fil-proceduri kriminali fil-konfront tal-istess rikorrent.

L-intimat Avukat tal-Istat jichad li r-rikorrenti sofrew xi ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom u wkoll iqajjem eccezzjoni preliminari dwar ir-*res judicata* bejn il-partijiet. Il-Bank intimat jinsisti li l-proceduri tieghu fil-konfront tar-rikorrenti huma kwistjonijiet separati u distinti minn dawk kriminali u li ghalhekk il-proceduri mehuda minnu fil-konfront tar-rikorrenti

m'ghandhomx jigu affettwati mill-lanjanza kostituzzjonali odjerna.

Illi ghal dak li huma fatti fil-kawza odjerna l-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak espost minnha fid-digriet taghha tat-22 ta' Settembru, 2020 kif isegwi:

*'Rat id-dokumentazzjoni annessa mal-istess rikors fosthom id-decizjoni datata 14 ta' Marzu, 2018 moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 28 ta' Gunju 2019 li kkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn allura kkonfermat bhala validi l-proceduri Civili tas-subbasta li maghhom huwa marbut il-Mandat ta' Zgumbrament fuq imsemmi bin-numru 549/10;*

*Rat il-kontenut tal-atti tar-Rikors Kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta;*

*Rat il-fatti tal-kaz odjern kif fost ohrajn gew esposti fid-decizjoni tal-14 ta' Marzu, 2018 kif isegwi:*

*'13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*

*13.1. Illi r-rikorrenti inghataw facilitajiet bankarji mill-bank intimat*

*kemm f'isimhom proprju u f'isem The Veg Point Limited sa mill-1996;*

*13.2. Illi r-rikorrenti waqghu lura fil-pagamenti minnhom dovuti lill-bank intimat;*

*13.3. Illi permezz ta' kuntratti datati l-1 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 18 u 21), ir-rikorrenti ikkostitwew irwiehom veri, certi, likwidi debituri tal-bank intimat, (ara wkoll paragrafu numru tlieta punt erbgha punt tlieta, (3.4.3.), aktar qabel);*

*13.4. Illi nonostante li l-bank intimat interpella lir-rikorrenti permezz t'ittra ufficjali datata t-23 t'April, 2008, lilhom notifikata fit-30 tal-istess xahar, biex jeffettwaw il-pagamenti minnhom duvuti, dawn baqghu inadempjenti;*

*13.5. Illi konsegwentement il-bank intimat kien kostrett jibda l-procedura tas-subbasta fis-26 ta' Novembru, 2009, (ara l-atti tas-subbasta fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs. Saviour Micallef et, Numru 82/09);*

*13.6. Illi di piu` jirrizulta li ttiehdu proceduri ta' natura kriminali kontra r-rikorrenti Saviour Micallef rigwardanti irregolaritajiet li sehhew fid-Dipartiment tal-V.A.T., (ara foll 81);*

*13.7.Illi fil-kors tal-istess proceduri fuq indikati ittiehdu proceduri ohra*

*fil-konfront tal-istess rikorrenti Saviour Micallef rigwardanti hasil ta' flus, frodi, korruzzjoni, "trading in influence", dikjarazzjonijiet foloz, u akkuzi ohra relatati mal-V.A.T., (ara foll 81);*

*13.8. Illi in vista tal-istess b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, datat id-9 ta' Settembru, 2009, inhareg ordni ta' iffrizar kontra l-istess rikorrenti Saviour Micallef ai termini statutorji hemm indikati, (ara foll 118 u 119);*

*13.9. Illi fis-26 ta' Novembru, 2009, il-bank intimat kien kostrett jiftah proceduri tas-subbasta kontra r-rikorrenti stante li dawn baqghu qatt ma hallsu l-ammont minnhom lilhu dovut, (ara foll 123);*

*13.10. Illi l-bejgh bis-subbasta gie appuntat u konkluz fit-23 ta' Marzu, 2010, (ara foll 123);*

*13.11. Illi l-bank intimat tefa l-oghla offerta animo compensandi ghad-dar u ghalqa proprjeta` tar-rikorrenti li ghalhekk gew liberati favur tal-istess bank, (ara foll 123);*

*13.12. Illi minkejja tali liberazzjoni l-proprjetajiet indikati fil- paragrafu precedenti baqghu jigu okkupati mill- istess rikorrenti – ghalkemm issa minghajr titolu, (ara foll 124);*

*13.13. Illi fit-23 ta' Marzu, 2010, sar il-bejgh tal-istess proprjetajiet bis-*

*subbasta, (ara foll 124 u 125);*

*13.14. Illi fis-7 t'April, 2010, il-bank intimat kien kostrett jintavola mandat ta' zgumbrament fil-konfront tar- rikorrenti, (ara foll 155);*

*13.15. Illi rinfaccati bis-suespost ir-rikorrenti aderew il- Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-4 t'Ottubru, 2011, biex jattakkaw il-bejgh in subbasta in kwistjoni, liema procedura giet finalment determinata b'sentenza tal- Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju, 2015, (ara rispettivament foll 48 u 68 fl-atti tac-Citazzjoni Numru 370/2010 fl-ismijiet Saviour Micallef et vs. Bank of Valletta p.l.c. annessi mall-atti tal-procedura odjerna), li issa ghaddiet in gudikat;*

*13.16. Illi konsegwenza tal-istess proceduri indikati fil- paragrafu precedenti l-pretensjonijiet kollha tar- rikorrenti odjerni kienu puntwalment respinti;'*

*Rat ir-risposta tal-Bank intimat datata 10 ta' Sttembru, 2020 li ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess talab li t-talba tar-rikorrenti tigi michuda;*

*Rat l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti li persuna li kontra taghha jkun inhareg att ezekuttiv taghmel rikors fejn titlob li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi;*

*Rat l-artikolu 276 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fih jinghad li hadd ma jista' jaghmel oppozizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat, hlief wara li tkun saret l-ezekuzzjoni;*

*Hadet ukoll kont tar-Rikors Guramentat 997/2019 MCH u tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 18 ta' Frar, 2020 li wkoll tikkonferma l-mandat ta' zgumbrament imsemmi fir-rikors odjern u li in parti taqra kif isegwi:*

***'Ikkunsidrat:***

*12. Illi din hija proċedura għat-tħassir ta' att eżekuttiv. L-appellanti eżekutati talbu lill-ewwel Qorti tħassar Mandat ta' Żgumbrament maħruġ kontra tagħhom mill-Bank eżekutant wara li, f'irkant miżmum taħt l- awtorità tal-Qorti, kiseb favurih ġid immobbli subbastat bi ħlas 'animo compensandi' għal kreditu kanonizzat kontra l-istess appellanti. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-eżekutati u issa qegħdin jappellaw minn dik id- deċiżjoni;*

*13. Illi fl-appell tagħhom, l-appellanti jgħidu li għalkemm id-digriet appellat ma ngħatax fil-qorti bil-miftuħ, huma kienu qegħdin iressqu appell minnu bit-tama "illi din il-Qorti tifhem illi debitur rinfaċċjat bi żgumbrament tar-residenza familjari jipprova javvanza kull argument legali possibbli biex jipprova jgħin is-sitwazzjoni tiegħu". Għalkemm ma ifformulaw l-ebda* ***speċifiku aggravju*** *mid-digriet appellat, l-appellanti*

*jisħqu li l-eżekuzzjoni tal-Mandat ma saritx sewwa għaliex ma ntalbitx l-awtorizżazzjoni minn qabel tal-Qorti li laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat u dan ġab miegħu "raġuni valida skond il-liġi" biex jista' jintalab it-tħassir tal-istess Mandat;*

*14. Illi l-Bank appellat iqis l-appell bħala wieħed anti-ġuridiku, bi ksur tal-liġi u maħsub biex jiżvija lil din il-Qorti, għaliex jgħid li l-appellanti qegħdin jippretendu t-tħaddim ta' proċedura li tgħodd għall-eżegwibilità ta' titolu eżekuttivi u mhux ta' atti eżekuttivi bħalma huwa l-Mandat mertu tal-każ. Iżid jgħid li t-tentattiv tal-appellanti li jqanqlu l-kwestjoni tal-qagħda iddisprata li jinsabu fiha ma jaħbix il-fatt li l-istess eżekutati ilhom madwar għaxar snin jirreżistu l-eżekuzzjoni tal-Mandat b'sensiela ta' kawżi li s-sentenzi tagħhom kollha kienu kelma waħda kontrihom. Itenni li l-liġi ma titlobx li Mandat eżekuttiv irid jerġa' jingħata saħħa eżekuttiva wara xi żmien permezz ta' proroga jew bi ħruġ mill-ġdid tiegħu, ladarba jkun inħareġ, u li t-titolu miksub favurih ma kienx xi sentenza jew kuntratt, iżda l-liberazzjoni nnifisha bis-saħħa tal-irkant ġudizzjarju;*

*15. Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-imsemmi aggravju, jidhrilha xieraq li tisħaq li l-proċedura mnedija mill-appellanti espressament dikjarata minnhom bħala waħda mressqa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda **atti** eżekuttivi u mhux **titoli** eżekuttivi u għalhekk, fi proċedura bħal dik, il-Qorti ma tidħolx fil-kwestjoni tas-siwi ta' xi titolu eżekuttiv li bis-saħħa*

*tiegħu jkun inħareġ xi Mandat. Fit-tieni lok, il-liġi trid ukoll li ħadd ma għandu jitħalla jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' Mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni;*

*16. Illi fil-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha, l-att eżekuttiv huwa l-Mandat ta' Żgumbrament li nħareġ taħt il-kawżali speċifika tal-liberazzjoni tal-fondi subbastati u tal-ebda titolu eżekuttiv ieħor;*

*17. Illi r-rimedju mogħti bl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa speċifikatament dak li jara jekk att eżekuttiv, maħruġ wara ordni minn qorti u fuq is-saħħa ta' titolu eżekuttiv, għandux jitħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu, fuq talba ta' xi persuna li tagħti lil dik il-Qorti raġuni valida għal tali tħassir;*

*18. Illi li l-għan li għalih iddaħħal ir-rimedju taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r- \rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;*

*19. Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil- forma. Għalhekk, l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;*

*20. Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux fejn tintalab is-sospensjoni tal-effetti tiegħu. Is-sospensjoni tal-effetti ta' Mandat tintalab b'azzjoni ordinarja quddiem il-Qorti kompetenti skond l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*21. Illi l-Qorti tagħraf li t-tifsir tal-liġi mill-qrati jimxi maż-żmien u fis-\sistema Malti mhuwiex marbut tabilfors max-xejra jew is-saħħa ta' sentenzi li jkunu ngħataw qabel fuq il-kwestjoni. B'daqshekk ukoll ma jfissirx li meta tinqala' kwestjoni li dwarha ma tkunx ingħatat fehma minn qabel minn xi qorti, jintesa kulma jkun ingħad qabel u jitfasslu raġunamenti ġodda bil-ħsieb li jipprovdu rimedju għal kwestjoni bħal*

*dik. Il-Qorti tgħid dan għaliex tagħraf li t-tħassir ta' Mandat eżekuttiv iġib miegħu effetti radikali li jeħilsu lill-parti eżekutata jew lil xi parti oħra mdaħħla fl-atti ta' dak il-Mandat mir-rabta tal-ordni li jkun ingħata bil-ħruġ tal-Mandat, u dan bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu għall-kreditur eżekutant;*

*22. Illi l-Qorti tirrileva li l-appellanti ma kellhomx raġun jistennew li l-Bank eżekutant appellat messu interpellahom minn qabel jew talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel ħarġet il-Mandat minnhom attakkat. Jibda biex jingħad, li huma naqsu li jagħrfu bejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkelmu dwar titoli eżekuttivi u dawk li jitkellmu dwar l-atti eżekuttivi li jinħarġu bis-saħħa ta' titoli bħal dawk. Fit-tieni lok, l-artikolu 258 tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar titoli eżekuttivi li ma jgħoddux fosthom dak magħruf mil-liġi fejn tidħol il-liberazzjoni ta' immobbli b'riżultat ta' irkant ġudizzjarju, u dan għaliex l-artikolu 253 tal- istess Kodiċi ma jsemmix kull titolu eżekuttiv magħruf mil-liġi, kemm fl- istess Kodiċi u kif ukoll minn liġijiet speċjali oħrajn. Fit-tielet lok, id- dispożizzjonijiet espressi tal-artikolu 357 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jagħmulha ċara li t-titolu eżekuttiv jinħalaq bil-fatt innifsu tal-liberazzjoni u bil-fatt li min ikun qiegħed iżomm il-ġid subbastat jonqos li joħroġ minnu sa żmien sena mill-irkant ġudizzjarju: dak l-artikolu ma jitlob it-teħid tal- ebda proċedura preventiva min-naħa tal-kreditur eżekutant qabel ma jista' jitlob il-ħruġ tal-att eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu jista' jneħħi mill-ġid liberat lil min baqa' jżommu bla jedd;*

*23. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, joħroġ li l-appellanti kienu mgħarrfa u notifikati bil-proċeduri tal-bejgħ ġudizzjarju u wkoll ħadu sehem fl-istess proċeduri. Ma setgħux ma kinux jafu bl-eżitu tiegħu, u l- kawżi li fetħu wara li nħareġ il-Mandat bil-ħsieb li jattakkaw is-siwi tiegħu huma xhieda biżżejjed ta' dan. Kienet għalhekk mistħoqqa d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ma tilqax it-talba għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali mressqa mill-eżekutati appellanti;*

*24. Illi l-appellanti ma jsemmu l-ebda raġuni oħra li fuqha din il-Qorti tista' ssib li messha tordna t-tħassir tal-Mandat jew li tħassar id-digriet appellat;*

*25. Illi minn dan kollu, il-Qorti tasal għall-fehma li fil-każ li għandha quddiemha ma kienx hemm raġuni valida biex il-Mandat jitħassar u għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda ssib li l-aggravju mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu;*

***Decide***

*26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:*

***Tiċħad l-appell*** *tal-eżekutati miżżewġin Micallef u tikkonferma l-provvediment appellat mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru, 2019, fl-atti tal-Mandat Eżekuttiv fl-ismijiet premessi, bl-*

***ispejjez*** *kontra l-imsemmija eżekutati.'*

*Rat ukoll ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata 10 ta' Settembru, 2019 li ghar-ragunijiet kif kontenuti fl-istess talab li t-talba ghas-sospensjoni tal-mandat ta' zgumbrament ghandha tigi michuda.'*

***Ikkunsidrat ulterjoment;***

*Illi r-rikorrenti odjerni issostanzjaw biss it-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-Mandat in kwistjoni billi semplicement strahu fuq il-fatt li gie ntavolat ir-rikors kostituzzjonali bin-numru 168/2020 pendenti quddiem din il-Qorti;*

*Illi fir-rikors kostituzzjonali r-rikorrenti jiddikjaraw specifikatament li qed jipproponu l-ilmenti kostituzzjonali segwenti:*

- *(i) dewmien fil-process kriminali kontra r-rikorrent;*
- *(ii) dewmien konsegwenti fil-freezing order;*
- *(iii) konsegwenti nuqqas ta' smigh xieraq;*
- *(iv) konsegwenti vjolazzjoni tal-protezzjoni ghall-intimita tad-dar.*

*Isostnu wkoll li l-Bank intimat gie nvolut fil-kaz kostituzzjonali odjern ghaliex fi kliem ir-rikorrenti 'il-Bank kien pero' partecipi f'din l-istorja ghaliex minflok stenna li l-proceduri kriminali jintemmu, kompla jezercita pressjoni fuq l-esponenti.'*

*Rat li d-dejn dovut mir-rikorrenti lill-Bank intimat imur lura sahansitra ghas-sena 1996 u li kien hemm varji tentattivi sabiex il-Bank intimat ma jithalliex jesegwixxi dak dovut lilu kif konfermat minn varji decizjonijiet tal-Qrati nkluz il-Qorti tal-Appell.'*

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza precedenti tal-Qorti Kostituzzjonali datata 28 ta'Gunju, 2019 esebita a fol 19 et seq tal-process fejn fl-aktar parti rilevanti ghall-kaz odjern taqra kif isegwi:

*'23. Dan kollu qiegħed jingħad ex abundanti ladarba, kif ġà ntqal, il-ħruġ tal-ordni ta' iffriżar b'ebda mod ma jista' jitqies li huwa l-kawża tan-nuqqas tal-atturi li jħallsu d-dejn tagħhom. Il-qorti għalhekk ma tara li kien hemm ebda ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-art. 6 tal-Ewwel Protokoll.*

*24. Fir-rikors tal-appell l-atturi jgħidu wkoll illi ma ngħatawx smigħ xieraq, u jfissru l-argument tagħhom hekk:*

*»Illi fuq din is-sitwazzjoni l-esponenti ma kellu ebda tort jew responsabilità. L-awtoritajiet iddeċidew joħorġu freezing order u l-proċeduri ħadu ż-żmien li ħadu. Dan allura jwassal għall-ewwel vjolazzjoni lanjata, cioè il-presunzjoni ta' l-innoċenza protetta mill-art. 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea u art. 39(5) tal-Kostituzzjoni. Fis-sostanza, l-esponenti ġie trattat qisu instab ħati diġà. L-effett tal-freezing*

*order kien talment devastanti fuq in-negozju tal-esponenti, illi dan tilef kull benefiċċju mill-presunzjoni tal-innoċenza. Ma hemm ebda ġustifikazzjoni ta' raġonevolezza, proporzjonalità jew neċessità f'soċjetà demokratika – ebda minn dan ma ġiet murija. Jekk l-Avukat Ġenerali dehrlu illi kellu joħroġ freezing order u jipparalizza b'dan il-mod il-ħajja u nnegozju tal-appellanti, hemm ċerti konsegwenzi. L-ewwel waħda hi illi l-esponenti ġie totalment imċaħħad mill-presunzjoni li huwa innoċenti.*

*»Illi l-esponenti jagħraf ukoll illi l-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni (ma jidher illi hemm ebda disposizzjoni analoga fil-Konvenzjoni) tipprovdi illi liġi tista' titfa' l-oneru ta' prova fuq parti akkużata li tipprova ċerti fatti. Dan huwa, fil-kuntest, totalment irrelevanti, għaliex hawn anqas bdiet tagħmel il-provi il-prosekuzzjoni. L-esponenti tirreferi għax-xiehda ta' illum Assistent Kummissarju Ian Abdilla, fejn spjega f'xiehda quddiem il-qorti tad-9 ta' Ottubru 2015 illi mill-2009 il-proċeduri kienu għadhom stadju ta' provi ta' prosekuzzjoni. L-esponenti jagħmlu ukoll riferenza għall-affidavit ta' Antoinette Micallef fejn din spjegat l-effett illi kellu l-freezing order fuq in-negozju u r-rikorrenti u l-familja tagħhom u l--konsegwenti deteriorazzjoni kemm tas-sitwazzjoni finanzjarja kif ukoll tan-negozju. A skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jissottomettu illi din hija vjolazzjoni awtonoma tad-dritt ta' presunzjoni ta' innoċenza fi ħdan is-smigħ xieraq protetti;*

*»… … …*

*»Illi fl-aħħar mill-aħħar, fil-kuntest ta' rule of law, soċjetà demokratika li tirrispetta d-drittijiet fondamentali, l-istat ma jistax jaħrab mill-konsegwenzi ta' aġir ta' xi organi tiegħu. Ma jistax l-Avukat Ġenerali jinvoka xi impunità mill-effetti tal-freezing order. Kien proprju neċessarju illi negozju u familja tinġieb għarkubbtejha mill-mod li nġabet? Kien proprju neċessarju illi l-bank b'mod frettoluż, imur għas-sub hasta? Fejn kienu n-neċessità tal-interventi, il-bilanċ u l-proporzjonalità u l-inevitabilità tal-intervent b'dan il-mod?«*

*25. Jingħad qabel xejn i. illi l-proċeduri tallum huma dwar il-validità tal-bejgħ sub hasta u mhux tal-ordni ta' iffriżar; ii. illi l-atturi stess igħidu illi ddewmien fil-proċeduri kriminali ma humiex il-meritu tal-kawża tallum ; u iii. illi f'kull każ l-ordni ta' iffriżar ma kellu ebda sehem fiċ-ċirkostanzi li wasslu biex l-atturi ma jħallsux id-dejn tagħhom u li, minħabba f'hekk, ilbank wasal biex ifittex il-bejgħ tal-proprjetà tal-atturi biex jitħallas. L-atturi kienu ġà waqgħu lura fil-ħlas u wrew li ma kinux sejrin iħallsu qabel ma nħareġ l-ordni. Strettament għalhekk, dan l-argument tal-atturi huwa irrelevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża.*

*26. Għall-kompletezza, iżda, jingħad illi l-ordni ta' iffriżar huwa miżura kawtelatorja u ma jagħmilx sens li jinħareġ biss wara sejbien ta' ħtija. Jista' xi ħadd serjament jemmen illi min, bħall-attur, ikun mixli b'reati ta' ħasil ta' flus sejjer ma jfittixx li jaħbi l-ġid tiegħu biex f'każ ta' sejbien ta' ħtija ma jitteħidlux? Dan ma jfissirx li hemm presunzjoni ta' ħtija;*

*ifisser biss li ttieħdet miżura għaqlija għax min hu responsabbli għall-ħarsien tal-liġi ma huwiex ta' sebgħu f'ħalqu.*

*27. Naturalment, dan ma jfissirx illi l-proċeduri kriminali relativi ma għandhomx jitmexxew b'ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, u għalhekk jibqa' bla preġudizzju l-jedd tal-atturi li jfittxu rimedju jekk dawk il-proċeduri u ħadu żmien aktar milli xieraq. Iżda wkoll jekk huwa hekk, dan ma għandux relevanza għall-każ tallum ladarba, kif rajna, ma kienx l-ordni 5 Para. 10, supra. Saviour Micallef et v. L-Avukat Ġenerali et 21 ta' iffriżar li wassal biex l-atturi ma jħallsux id-dejn tagħhom u biex ilkreditur, għalhekk, ifittex ir-rimedju leġittimu li tagħtih il-liġi.*

*28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.'*

Rat il-kopji esebiti fl-atti mill-Bank intimat relatati mal-proceduri tas-subbasta u l-bosta rikorsi li saru fl-atti tal-istess, l-kawzi msemmija fir-risposta tal-Bank intimat, kif ukoll id-decizjonijiet imsemmija.

Rat partikolarment id-digriet datat 11 ta' Awissu, 2020 mill-Imhallef Gianno Caruana Demajo fl-att tal-mandat ta' zgumbrament li jaqra kif isegwi:

*'Rat l-atti relattivi u rat ukoll in-nota tal-ufficjali esekuttiv Eugenio Mallia tal-4 t'Awissu 2020;*

*Rat illi l-oppozizzzjoni li saret ghall-esekussjoni tal-mandat ma tiswiex, ghax l-esekuzzjoni tista' titwaqqaf biss b'ordni ta' qorti kompetenti u mhux bl-att unilaterali ta' parti li tghid il sejra tiftah kawza:*

*Tidderigi lill-istess ufficjal esekuttiv jesegwixxi minnufih il-mandat, jekk mehtieg bi zgass u bil-ghajnuna ta' ufficjali tal-pulizija esekuttiva.'* (fol. 173)

Rat ukoll id-dokumentazzjoni esebita b'referenza ghall-proceduri kriminali fil-konfront ta' Saviour Micallef a fol. 67 et seq tal-process u wkoll dawk a fol. 489 et saeq tal-porcess. Rat li l-akkuza ggib id-data tal-11 ta' Awwissu, 2009.

Rat l-affidavit ta' **Antoinette Micallef** a fol. 483 et seq tal-process u l-kontro ezami taghha a fol. 527 et seq tal-process. Hija tixhed li r-ragel taghha r-rikorrent Saviour Micallef tressaq b'arrest nhar id-9 ta' Settembru, 2009 u wkoll inhareg l-ordni ta' ffrizar. Fl-affidavit taghha hija tallaccja l-problemi finanzjarji kollha li l-koppja kellha mal-Bank of Valletta intimat mal-hrug ta' dan l – ordni ta' ffrizar u tghid li kien dan l-ordni li wassal sabiex ir-rikorrenti ma setghux iwettqu l-pagamenti lill-Bank u l-Bank

spicca wassal ghall-bejgh bis-subbasta tar-residenza taghhom u konsegwentement talab l-izgumbrament taghhom. Jirrizulta lil Qorti li sal-lum r-rikorrenti rnexxielhom b'xi mod jew iehor jirrezistu l-esekuzzjoni tal-ordni ta' zgumbrament. L-affidavit tar-rikorrenti jiffoka principalment fuq il-problemi finanzjarji li l-koppja kellhom mal-Bank intimat izda b'referenza ghall-ordni ta' ffrizar hija tixhed:

*'ILLI, barra minn hekk, kienet avvicinatna persuna li esprimiet l-interess taghha li tixtri d-dar taghna li kienet ser tigi irkantata. Mir-rikavat ta' dan il-bejgh konna l–ewweel inhallsu l-bank u l-bqija ninvestuh fin-negozju biex b'xi mod jew iehor konna nibghu ghaddejjin. Dan kollu qieeghed jinghad sabiex nispjegaw l-effetti li kellhom il-proceduri kriminali u d-dewmien ta' zmien fuq il-hajja taghna. F'dan iz-zmien ahna ma stajna incaqalqu xejn u ma stajna inbieghu xejn, u l-effetti fuq la-ssi taghna, inkluz ukoll in-negozju kienu ta' detriment kbir.'* (fol. 484)

Hija tkompli tixhed li minn Settembru 2009 sad-data tal-affidavit, li hija dik tat-23 ta' Novembru, 2020, li ma sar xejn fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent Saviour Micallef. Konsegwenti ta' hekk ma setghu jaghmlu l-ebda negozju minhabba l-ordni ta' ffrizar tul dawn iz-zmien kollu. Izzid li hi tqis li hi u zewgha gew penalizzati darbtejn ghar-reat li allegatament wettaq zewgha u dan minhabba l-konsegwenzi li soffrew rizultat tal-ordni ta' ffrizar.

Rat ukoll l-affidavit tar-rapprezentant tal-Bank intimat **Aldo Meli** a fol. 523 et seq tal-process. Minn din ix-xhieda jirrizulta li r-rikorrenti sabu ruhhom f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja zgur qabel Dicembru 2006 ghaliex jixhed li fl-1 ta' Dicembru 2006 r-rikorrenti accettaw li jiffirmaw kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu favur il-Bank. Fis-sena 2008, stante li r-rikorrenti kienu ghadhom ma hallsux id-dejn taghhom mal-Bank, saret ittra ufficcjali fil-konfront tar-rikorrenti u l-Kumpanija The VEG Point Limited rapprezentata minnhom. Kien biss wara dan li fi proceduri separati kriminali kompletament estranei ghall-Bank intimat li nhareg l-ordni ta' ffrizar fil-konfront ta' Saviour Micallef f'Settembru, 2009. Fit-18 ta' Novembru, 2009 r-rikorrenti gew infurmati, permezz ta' ittra ufficcjali numu 4143/2009, li kienu ser jinbdew il-proceduri bis-subbasta sabiex jithallas id-dejn dovut minnhom u mill-Kumpanija u minn hemm prosegwiet il-procedura tas-subbasta tad-dar residenzjali tar-rikorrenti fis-Siggiewi u wkoll ta' ghalqa proprjeta' taghhom. Segwew diversi proceduri legali bejn il-partijiet relatati mas-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' zgumbrament. Jixhed finalment illi nonostante s-subbasta u l-akkwist tal-fond mill-istess Bank, li izda fih ghadhom jirrisjedu r-rikorrenti, l-Bank intimat ghad ghandu dovut lilu mir-rikorrenti is-somma ta' erba' mitt elf Euro (€400,000).

Illi minn analizi tal-provi f'kollha fl-atti l-Qorti rat li mhux minnu li r-rikorrenti waqghu lura fil-pagamenti mal-Bank intimat konsegwenza tal-ordni ta' ffrizar anzi jirrizulta ampjament pruvat li l-problemi ta' pagamenti mal-Bank kien ilhom jippersistu minn diversi snin qabel mar-rikorrent tressaq akkuzat bir-reat in kwistjoni u qabel allura ma nhareg l-ordni ta' ffrizar tal-assi tieghu. Tant hu hekk li jirrizulta li l-kostituzzjoni ta' dejn favur il-Bank intimat mir-rikorrent saret fis-sen 2006 cioe' ferm qabel li r-rikorrent tressaq akkuzat u nhareg l-ordni ta' ffrizar tal-assi.

Illi l-Qorti rat li ghalkemm ir-rikorrenti jippremettu u jissottomettu diversi drabi li l-ordni ta' ffrizar gabhom f'sitwazzjoni li ma jistghux jaghmlu l-pagamenti lill-Bank intimat, jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti Antoinette Micallef qatt ma kienet akkuzata u qatt ma nhareg ordni ta' ffrizar fil-konfront taghha.

Illi mill-kontro-ezami ta' Antoinette Micallef irrizulta wkoll li r-rikorrenti Saviour Micallef, wara li gie akkuzat u wara l-ordni ta' ffrizar, beda attivita' ohra ta' mportazzjoni ta' xorb w'ghalhekk l-ordni ta' ffrizar ma waqqfux milli jkompli jahdem u jkollu introjtu finanzjarju. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tirrilevax li fil-kontro-ezami taghha r-rikorrenti kienet ferm evasiva fir-risposti taghha u bdiet issostni li ma tafx u ma tiftakarx (ghall-kuntrarju tad-dettal li tat fl-affidavit taghha). Rat ukoll li in kontro-ezami l-istess rikorrenti bdiet talloka tort u responsabbilta' ghas-sitwazzjoni

finanzjarja hazina tar-rikorrenti fuq impjegat tal-Bank intimat, fattur li certament, jekk wiehed ghal grazzja biss tal-argument kellu jiehu bhala minnu, ma jwassalx ghal ksur ta' jedd fundamentali tar-rikorrenti cioe' r-rimedju li r-rikorrenti qed jitolbu minn din il-Qorti.

Illi mill-atti ma rrizultatx il-prova li kienet tinkombi fuq ir-rikorrenti li fl-atti kriminali ir-rikorrent qatt xi darba ghamel rikors kif tippermettilu l-ligi sabiex possibilment ivarja l-ordni ta' ffrizar ghar-ragunijiet li qed jesponi fir-rikors odjern u cioe' sabiex l-assi u l-attivita' tieghu ma jispiccawx fix-xejn. Illi ma dan wiehed irid jiehu kont ukoll tal-fatt li l-attivita' kummercjali tar-rikorrent jidher li kienet fic-centru tal-attivita' allegatament kriminali li sehhet w'ghalhekk certament anki li kieku saru r-rikorsi wiehed jistenna li l-Qorti Kriminali kienet tiehu kont ta' dan il-fattur fid-digrieti taghha u dan sabiex tissalvagwardja l-ghan principali tal-ordni ta' ffrizar u cioe' li l-fondi derivanti mill-allegata attivita' kriminali jibqghu maqbuda pendenti decizjoni finali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eccezzjoni Res Judicata:-**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-Avukat tal-Istat isostni kif isegwi:

*'Illi qabel xejn, l-ilmenti tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistghux jigu mistharrga mill-gdid, ghaliex dwarhom ga nghatat sentenza bejn l-istess partijiet mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Gunju 2019, kopja ta liema giet ippreżentata mar-rikors kostituzzjonali stess.'*

Illi kif gia espost l-ilmenti tar-rikorrenti kif elenkati minnhom fir-rikors kostituzzjonali odjerni huma s-segwenti:

(i) dewmien fil-process kriminali kontra r-rikorrent;
(ii) dewmien konsegwenti fil-freezing order;
(iii) konsegwenti nuqqas ta' smigh xieraq;
(iv) konsegwenti vjolazzjoni tal-protezzjoni ghall-intimita tad-dar.

Illi s-sentenza li ghaliha ssir referenza f'din l-eccezzjoni gia giet ikkwotata aktar il-fuq minn din il-Qorti. Jirrizulta evidenti minn dik l-istess decizjoni li kwalunkwe allegazzjoni da parti tar-rikorrenti ghal dak li jiggwarda l-allegat effett tal-'freezing order' fuq il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti b'referenza ghad-dritt ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenju Ewropea hija llum 'res judicata'.

Illi l-Qorti tqajjem ukoll *ex officio* li mid-decizjonijiet kollha tal-Qrati precedenti esebiti fl-atti odjerni tirrizulta wkoll *res judicata* kwalunkwe lanjanza legali bejn ir-rikorrenti konjugi Micallef u l-Bank intimat Bank of Valletta b'referenza ghas-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' zgumbrament ezekuttiv fil-konfront taghhom stante li din il-Qorti rat li r-rikorrenti, qabel intavolaw il-kaz odjern, esawrew kull mezz legali possibbli li setghu f'tentattiv li jwaqqfu l-ezekuzzjoni tieghu u/jew jattakkaw il-validita' tieghu.

Illi bil-kuntrarju izda jirrizulta lil-Qorti li l-lanjanza tar-rikorrenti, sakemm din hija limitata biss ghad-dewmien tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Saviour Micallef thalliet specifikatament impregudikata fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fl-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat. In vista ta' dak kollu suespost allura din il-Qorti tikkonkludi li jsegwi:

(i) Illi kull lanjanza kostituzzjonali relattiva ghall-ordni ta' ffrizar fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija llum *res judicata* bejn il-partijiet;

(ii) Illi kull lanjanza bejn ir-rikorrenti u l-Bank of Valletta intimata relattiva ghall-atti tas-subbasta u l-mandat ta' zgumbrament hija wkoll *res judicata* bejn il-partijiet.

(iii) Illi jibqa' ghalhekk pendenti bejn ir-rikorrenti Micallef u l-intimat Avukat tal-Istat il-lanjanzi kostituzzjonali mqajjma mir-rikorrenti relattivi ghad-dewmien fil-proceduri kriminali u ghalhekk l-allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq that l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni limitati ghad-dewmien u xejn aktar.

(iv) Illi bejn ir-rikorrenti Micallef u l-Bank of Valletta intimat jirrizulta li ma hemm l-ebda lanjanza pendenti stante li bejniethom jirrizulta li kollox gie fil-gudikat, huwa evidenti ghalhekk li l-Bank intimat mhux il-legittimu kontradittur sabiex jirrispondi fuq allegat dritt fundamentali ghal smiegh xieraq relatat mal-proceduri kriminali. Illi din il-Qorti hija obbligata li *ex officio* hi stess tqajjem il-gudikat (li hija materja ta' nteress pubbliku) bejn ir-rikorrenti u l-intimat Bank of Valleta u konsegwentement tghaddi sabiex tiddikjara li l-Bank of Valletta intimat mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

(v) Illi kif dikjarat mill-istess rikorrenti, tlieta mill-erba' lmenti mqajjma minnhom fl-atti odjerni huma kollha dwar l-ordni ta' ffrizar jew il-konsegwenti effetti tal-istess ordni ta' ffrizar u cioe':

*'(i) dewmien konsegwenti fil-freezing order (iii) konsegwenti nuqqas ta' smigh xieraq u (iv) konsegwenti vjolazzjoni tal-protezzjoni ghall-intimita tad-dar.'* (ara premessa numru 5)

Illi dan iwassal lill-Qorti ghall-analizi wkoll dwar jekk hemmx *res judicata* tat-talbiet l-ohra fit termini tal-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 8 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-Qorti qed issostni dan ghar-raguni li anki jekk ir-rikorrenti, <u>fir-rikors kostituzzjonali precedenti gia deciz,</u> ma qajjmux l-allegazzjoni tal-ksur tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni relattivi ghad-dritt fundamentali ghall-protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà ohra, kif ukoll il-ksur tal-jedd kontra t-tehid tal-proprjeta' minghajr kumpens gust fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni, il-gudikat la darba jikwalifika bhala tali japplika wkoll (skont bosta gurisprudenza) mhux biss ghal dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, izda wkoll dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih, ir-rikorrenti fil-kaz odjern[1]. Evidentement fil-kaz kostituzzjonali precedenti r-rikorrent kellu se mai iqajjem ukoll il-

---

1. Ara fost ohrajn Professur Henry u Margaret konjugi Frendo cs. Tarcivio Grima, 90/2015 JVC, Qorti tal-Magistrati Ghawdex Superjuri, datata 29 ta' Mejju, 2018.

ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu taht dawn l-artikoli msemmija a darba l-lanjanza tieghu kienet dejjem ibbazata fuq l-effetti tal-ordni ta' ffrizar. Ghalhekk il-qorti tqis li l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti odjerni fir-rikors odjern dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom relattivi ghall-intimata' tad-dar jew proprjeta' ohra u protezzjoni kontra t-tehid tal-proprjeta' minghajr kumpens gust, konsegwenzjali ghall-ordni ta' ffrizar, huma llum kollha *res judicata*.

**Ikkunsidrat ulerjorment fil-mertu:**

Illi stante li tlieta minn erba' lmenti tar-rikorrenti fl-atti odjerni gew eskluzi rizultat tarp-'res judicata', jirrizulta li din il-Qorti fl-atti odjerni jonqosha biss li tiddeciedi dwar ilment wiehed rimanenti u cioe' d-dewmien fil-process kriminali kontra r-rikorrent u l-konsegwenti allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrent.

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li r-rikorrenti Antoinette Micallef qatt ma giet akkuzata b'reat b'dana li huwa evidenti li dan l-ilment ma jistax japplika fil-konfront taghha.

Illi mill-kopja tat-tahrika tal-Pulizija esebita a fol. 489 et seq tal-process jirrizulta li r-rikorrent Saviour Micallef tressaq akkuzat b'diversi allegati reati fosthom hasil ta' flus nhar il-11 ta' Awissu

2009. L-Assistant Kummissarju Ian Abdilla fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Ottubru, 2020 xehed li fl-allegati reati kien hemm involuti diversi persuni kif isegwi:

*'Bhala parti minn, din kienet, forsi il-Qorti tiftakar, investigazzjoni li l-Pulizija kienet ghamlet dwar l-irregolaritajiet li kien hemm fid-Dipartiment tal-VAT. Wara xhur shah ta' investigazzjonijiet, kienu tressqu madwar xi tnax (12), hmistax (15)-il ruh fiha u bhalissa jekk minix sejjer zball ghad hemm pendenti tliet (3) kawzi. Tas-Sur Saviour Micallef hija wahda minnhom. Niftakar li meta kienu tressqu, hafna minnhom kienu kollha, il-Prosekuzzjoni kienet tablet l-iffrizat tal-assi tal-imputati kif fil-fatt gara. Dawn kienu kollha tressqu separatment Sinjura. Il-kawza tas-Sur Micallef ghadha fi stadju ta' provi . . . . prosekuzzjoni . . , minhabba il-fatt li kien hemm numri ta' xhieda li kienu ghadhom iridu jixhdu, liema xhieda kellhom il-kawzi taghhom pendenti peress li kienu tressqu. Issa dawn il-kawzi ricentement spiccaw, jigifieri gew konkluzi mill-Appell u ghalhekk jistghu jixhdu, hemm xi tliet (3) xhieda ohra li jistghu jixhdu. Hopefully in the next sitting, dawni x-xhieda jixhdu imbaghad inkun nista' naghlaq il-provi tieghi u titkompli bil-provi difiza.'*

Konsegwentement dan ix-xhud, fix-xhieda ulterjuri tieghu a fol. 507 et seq tal-processi nforma l-Qorti li fil-kaz kriminali l-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi u li l-kawza kienet tinsab

differita ghad-29 ta' Marzu, 2021 izda minhabba l-Pandemija giet differita ghall-10 ta' Mejju, 2021.

Fix-xhieda tal-istess Spettur datata 29 ta Lulju, 2021 (fol. 512) huwa xehed kif isegwi:

*'Id-data ta' meta gie mressaq Saviour Micallef, is-Sur Micallef gie mressaq minn dak iz-zmien Spettur, illum iritrat, Ivan Cilia bic-citazzjoni nhar il-11 ta' Awwissu tas-sena 2009. L-ordni ta' iffrizar li kien hemm, li hemm imposta fuqu kienet inghatat mill-Qorti nhar id-9 ta' Settembru 2009, dan meta kienet fl-ewwel seduta tal-istess kawza u dawn gew ai termini tal-Artikolu 23 A u l-ahhar xhud f'dan il-kaz kien Michael Bonnici fid-9 ta' Jannar 2017. Minn dainhar sallum kien ghad fadal xi xhieda li ghadhom ghaddejjin fl-Appell jew ghadhom ghaddejjin proceduri fis tadju ta' provi prosekuzzjoni isfel u jiena ddikjarajt li ma rridx iktar provi u ghadna qed nistennew li johorgu l-artikli mill-Avukat Generali.'*

Jispjega li huwa effettivament irrinunzja ghax-xhieda li kien fadal u ghalaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Jghid ukoll li huwa ghalaq il-provi hafna zmien wara Jannar 2017 cioe' lejn l-ahhar tas-sena 2020 bidu tas-sena 2021 u li wara d-dikjarazzjoni tal-gheluq tal-provi kienu qed jistennew li jinhargu l-artikli mill-Avukat Generali.

Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea, kif ukoll addottata mill-Qrati Maltin illi sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragonevoli jew le fi proceduri ghandhom jigu meqjusa l-fatturi segwenti:

1. In-natura u/ jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni;
2. L-imgieba processwali tal-partijiet fil-kawza; u
3. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess.

Illi dwar in-natura u l-komplessita' tal-kaz odjern il-Qorti rat mill-kopja tal-att ta' akkuza a fol. 489 et seq li l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent huma diversi, tnax b'kollox, li jvarjaw minn akkuzi relatati ma' hasil ta' flus, korruzzjoni ta' ufficcjali u mpjegati pubblici, influwenza llegali f'decizjonijiet, falsifikazzjoni, uzu ta' skritturi u dokumentazzjoni falza, dikjarazzjoni jew stqarrija falza u induzzjoni ghal kxif ta' sigriet professjonali, fost ohrajn.

Il-Qorti tqis li ghalkemm fl-atti odjerni ma gewx esebiti l-atti kollha kriminali w'ghalhekk sa setghetx tara l-provi u x-xhieda li tressqu fil-konfront tar-rikorrent, li mill-akkuza huwa evidenti li l-kaz fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed ferm kompless u jinvolvi bosta persuni, hafna minnhom kienu jzommu posizzjoni pubblika. Ghalhekk la darba din il-Qorti qed tqis li l-kaz kontra r-rikorrent huwa fil-fatt wiehed kompless wiehed per konsegwenza

jistenna li dan jiehu certu zmien sabiex jinstema′ u jkun jista′ jigi konkluz.

Illi dwar l-imgieba processwali tal-partijiet fil-kawza l-Qorti tqis li kien ikun ferm ahjar li kieku fl-atti gew esebiti almenu l-verbali tas-seduti sabiex hija tkun tista′ tgharbel l-agir tal-partijiet tul l-andament tal-kawza. Dan in-nuqqas ta′ prova jista′ biss jigi addebitat lir-rikorrenti li kellhom huma l-obbligu li jressqu l-prova fl-atti odjerni. Il-Qorti rat li mix-xhieda tal-Assistant Kummissarju Ian Abdilla jirrizulta li l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni tressaq fid-9 ta′ Jannar, 2017. Din il-Qorti izda rat li fl-atti ma ghandha xejn li jevidenzja r-raguni ghalfejn il-kawza tawlet minn Settembru 2009 sa′ Jannar, 2017 u cioe′ jekk kienx rizultat biss ta′ dilungar mill-prosekuzzjoni, mid-difiza jew da parti tat-tnejn jew ukoll minhabba ragunijiet ohra estranei ghall-partijiet, ghalkemm gie accenntat li l-prosekuzzjoni kienet qed tistenna li akkuzati ohra tkun inqatghet il-kawza taghhom sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza kontra r-rikorrent. Il-Qorti, dwar il-perjodu bejn Settembru 2009 u Jannar 2017 tqis li ma tressqux bizzejjed provi da parti tar-rikorrenti li kellhom l-oneru tal-prova sabiex tkun tista′ tasal gahll-konkluzjoni li d-dewmien ma kienx wiehed gustifikati abbazi tat-tieni kriterju u cioe′ l-agir tal-partijiet fil-kawza.

Illi izda dwar il-perjodu bejn Jannar 2017 sal-lum ma jistax jinghad l-istess. Jirrizulta lil din il-Qorti minn dak li xehed l-Assistant Kummissarju Ian Abdilla li sa minn Jannar 2017, meta tressaq l-ahhar xhud, sal-bidu tas-sena 2021 l-prosekuzzjoni baqghet ittawwal il-kaz tistenna li possibilment jitressqu tlett xhieda ohra kontra r-rikorrenti. Possibilment kien l-intavolar tal-kawza kostituzzjonali odjerna fl-24 ta' Awissu, 2020 li wassal sabiex il-prosekuzzjoni finalment tiehu li tirrinunzja ghax-xhieda u taghlaq l-istadju tal-provi taghha. Minn Jannar 2021 jirrizulta mix-xhieda tal-istess Assistant Kummissarju li fil-kaz kriminali kienu qed jistennew li jinhargu l-artikoli u dan mill-anqas ghal seba' xhur sad-29 ta' Lulju, 2021 meta rega xehed l-Assistant Kummissarju ian Abdilla quddiem din il-Qorti. Sal-lum jirrizulta li l-kaz kontra r-rikorrenti ghadu pendenti. Il-Qorti tqis li l-agir tal-prosekuzzjoni fl-atti kriminali almenu minn Jannar, 2017 il-quddiem serva sabiex b'mod ingust twalu ferm il-proceduri kontra r-rikorrent u dan bi ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq tar-rikorrent.

Illi dwar it-tielet kriterju cioe' l-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess l-Qorti ghal darb'ohra tqis li fl-atti ma tressqux provi sufficjenti sabiex jevidenzjaw li l-proceduri twalu ghal xi ragunijiet mputabbli lill-Qorti li qed tipresjedi l-kaz anzi pjuttost il-provi jippuntaw lejn nuqqasijiet fil-konfront tal-prosekuzzjoni.

**Konkluzjoni:**

Illi in vista tas-suespost il-Qorti qed issib li effettivament ir-rikorrent Saviour Micallef sofra u ghadu qed isofri minn lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni rizultat ta' dewmien ingust fil-proceduri minn Jannar 2017 il-quddiem. Illi ghal dan il-ksur il-Qorti tqis li l-ahjar rimedju li tista' taghti ghalih f'dan l-istadju huwa dak ta' danni mhux pekunjarji favur ir-rikorrent. Il-Qorti ma tqisx li s-semplici dikjarazzjoni tal-ksur hija sufficjenti. Illi in kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Fil-kaz odjern rrizulta li d-dewmien mhux gustifikat gie pruvat minn Jannar 2017 il-quddiem. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li danni mhux pekunjarji fis-somma ta' erbat'elef Euro (€4,000) hija somma idonea.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-lanjanza kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tiddikjara *ex officio* r-*res judicata* u wkoll tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat dwar ir-*res judicata* limitatament ghal dak li huma l-allegati effetti tal-ordni ta' ffrizar fuq ir-rikorrenti fit-termini tal-

jeddijiet fundamentali taghhom taht l-artikoli 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikoli 6, 8 u l-1 artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundmanetali tal-Bniedem u tichadha biss fir-rigward tal-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq limitatament ghad-dewmien fil-proceduri kriminali;

2. Tiddikjara *ex officio* wkoll *res judicata* kwalunkwe lanjanza tar-rikorrenti fil-konfront tal-Bank of Valletta intimat ghal dak li hija s-subbasta u l-konsegwenti mandat ta' zgumbrament bin-numru 549/10, tiddikjara konsegwentement li l-Bank of Valletta intimat mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez tal-Bank intimat kontra r-rikorrenti. Konsegwentement qed tichad it-tieni rimedju mitlub mir-rikorrenti u cioe' dak li jitlob 'Ordni illi jieqfu kull procedura ta' zgumbrament sakemm jintemmu l-proceduri kriminali' fil-konfront tar-rikorrent.

3. Tichad il-bqija tar-risposti tal-intimati limitatament biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi li d-dewmien fil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Saviour Micallef, kif ahjar dettaljat aktar il-fuq f'din id-decizjoni, jivvjola d-dritt ghal smiegh xieraq tal-istess Saviour

Micallef fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta filwaqt li tichadha fil-bqija;

5. Tilqa' t-tieni talba u l-ewwel rimedju mitlub limitatament ghal dak li huwa kumpens f'danni mhux pekunjarji fis-somma ta' erbat'elef Euro (€4,000) u tordna li dan l-ammont jithallas lir-rikorrent Saviour Micallef mill-intimat Avukat tal-Istat. Tichad it-tieni talba u r-rimedji fil-bqija.

Bl-ispejjez li ghadhom mhux decizi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti rizultanti minn applikazzjoni ta' ligijiet vigenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**30 ta' Marzu 2023**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**

**30 ta' Marzu 2023**